MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1334/2003

**A B gia mizzewwga C**
**Vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress li l-kontendenti izzewgu f'Malta fit-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u erbgha u disghin (1994) liema zwieg gie debitament iskritt fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru disa' mija u hamsa u tletin ta' dik is-sena (935/1994) (Dok A);

U peress li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

U peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

U peress ukoll li l-kunsens tal-kontendenti inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

U dana kollu kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Jghid il-konvenut il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-12 ta' Gunju 1994 (Dok A) huwa null u bla effett a tenur tal-artikolu dsatax (1)(d) u (f) tal-Ligi dwar iz-Zwieg (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk tordna li issir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Preliminarjament l-eccipjent jiddikjara li ma jopponix ghat-talba attrici li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, izda mhux ghar-ragunijiet indikati mill-attrici.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjent jiddikjara illi l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu mressqa mill-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi effettivament, in-nullita' taz-zwieg hija imputabbli lill-attrici, u cioe il-kunsens tal-attrici kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha

impossibli ghal din il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, skond l-artiklu 19(1)(d) tal-Kap 255.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut ikkuntrattat fit-12 ta' Gunju 1994 huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 imputabbli lill-konvenut li minn naha tieghu eccepixxa li, filwaqt li jaqbel li z-zwieg in disamina huwa null fil-ligi, dan huwa mputabbli lill-attrici fit-termini tal-paragrafu [d] fuq indikat.

Mill-provi ddelinea s-segwenti kawdru tal-fatti. Il-partijiet izzewwgu fit-12 ta' Gunju 1994, wara gherusija twila ta' circa 5 snin, meta l-attrici, li kienet tahdem bhala accounts clerk, kellha 24 sena u l-konvenut, li kien jahdem bhala pipe fitter, kellu 25 sena. Minn dan iz-zwieg twieldet tarbija. Jirrizulta li fis-sena 2000 il-partijiet sseparaw, u l-attrici marret tghix mal-genituri taghha, flimkien mat-tifel.

Illi l-partijiet b' mod partikolari l-attrici, attribwew diversi nuqqasijiet fil-konfront ta' xulxin, li gew michuda reciprokament; izda dak li rrizulta provat u mhux kontraddett, anzi jinsab ammess mill-istess konvenut, hija l-ghira li dan kellu ghall-attrici li, skond hu, peress li kellha figura sabiha u kienet gejja minn familja ta' livell socjali, edukattiv u finanzjarju superjuri ghal tieghu, huwa kien jibza' li johduwielu u ghalhekk kien jissuspetta hazin fiha u anke okkazzjonalment tfittex il-passi taghha.

L-attrici tghid li sforz l-ghira li kellu ghaliha, huwa kien jinfexx f' atti ta' vjolenza morali u fisika fil-konfront taghha, tant li l-ahhar incident li konsegwenza tieghu hija, bl-

ghajnuna tal-familjari taghha, telqet mid-dar konjugali, f' dan l-incident kienet intuzat sikkina. Il-Qorti tosserva li din l-allegazzjoni ta' vjolenza fuq l-attrici giet michuda mill-konvenut, li pero' minn naha tieghu ammetta li huwa kien accetta li jattendi kors fi hdan id-Domestic Violence Unit.

Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri, hija tal-fehma li f' dan il-kaz is-substrat tal-inkwiet matrimonjali jinsab fl-ghira esagerata li l-konvenut kellu ghall-attrici, li ssib il-fonti taghha f' difett serju ta' natura psikologika da parti tieghu, alimentat bil-fatt li l-partijiet gejjin minn sfond socjali radikalment differenti. Di fatti jirrizulta pacifiku li, filwaqt li l-konvenut kellu xoghol ta' labourer, l-attrici kienet tifla ta' l-iskola u gejja minn familja finanzjarjament komda. Jidher car li l-konvenut ma kienx kapaci jikkontrolla l-ghira tieghu fil-hajja matrimonjali bir-rizultat li din iddigenerat anke wkoll bl-uzu ta' vjolenza fisika fuq il-persuna ta' l-attrici, li eventwalment ma felhitx izjed u telqet mid-dar konjugali u marret tghix mal-genituri taghha.

Illi f' dan il-kawdru tal-fatti l-Qorti tirravvisa l-caput nullitatis kontemplat fit-tieni parti tal-paragrafu [d] fuq indikat, li jippostula l-kaz ta' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg li fil-gurisprudenza jinsabu defeniti bhala "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obbligation of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community. It is important to remember that these obligations must be mutual, permanent, continuous exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psycholoigical cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics *[Viladrich – citat fis-sentenza PA[VGD] Anna Galea vs John Walsh deciza 20 ta' Marzu 2000].* Kif korrettament sottomess mill-attrici fin-nota taghha, "inerenti f' dawn l-

obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontraenti li jaghtu lilhom infushom lill xulxin fit-totalita' taghhom sabiex tigi stabbilita' bejniethom the community of life and love." [fol.67].

Illi mill-provi jirrizulta car u manifest li dan l-anomalija psikologika riskontrata fil-konvenut, u ammessa minnu stess, kienet ta' grad tali li tikwalifika bhala wahda ta' natura serja u li kienet timpedixxi lill-konvenut milli johloq u jistabbilixxi mal-attrici martu dik il "community of life and love as expression of the union between man and woman" diretta ghal ben essere reciproku. Fil-fatt kif rrizulta mill-provi din l-anomalija psikologika impeditu milli jistabilixxi dik ir-relazzjoni interpersonali ma' l-attrici "in quanto comporta la mutua donazione di due persone – perpetua, esclusivia e intima, che e' richiesta dalla comunione di vita coniugale, necessaria per il raggiungimento, in modo veramente umano, della finalita' propria del matrimonio, senza la quale la socjeta' coniugale non puo esistere *[Bersini: Il Diritto Canonico Matrimoniale citat fil-kawzi PA Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero – 17/11/2000 citata fil-kawza PA[VDG]Josette Fardell vs Raymond Galea 17.06.2002].*

Illi mill-provi rrizulta li din l-anomalija psikolgika da parti tal-konvenut kienet diga' tezisti meta l-konvenut ta l-kunens matrimonjali tieghu li allura jinsab vizzjat kif indikat fit-tieni parti tal-paragrafu [d] ta' l-Artikolu 19.

Illi l-konvenut minn naha tieghu jsostni li n-nullita' taz-zwieg ghandha tigi attriwita lill-attrici peress li l-kunsenns matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini ta' l-imsemmi paragrafu.

F' dan ir-rigward gie osservat In propositu gie osservat fil-kawza *"App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita'

affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]* "Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"

Konformament mal-premess sabiex il-konvenut jirnexxi fit-tesi tieghu jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-l-attrici, kienet affetta minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." *[Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* .Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita' jew edukazzjoni, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[ PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003].*

In propositu l-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultawx cirkostanzi tali li jissufragaw din l-eccezzjoni tal-konvenut. Illi, ghalkemm jirrizulta li qabel iz-zwieg l-attrici kienet taf li l-konvenut kien jghir ghaliha, u hi xorta wahda ddecidiet, ghax kienet thobbu li tizzewwgu, dan il-fatt ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li l-attrici kienet affetta minn difett serju ta' *discretio judicii* fuq il-hajja matrimonjali. Jigi osservat li l-ghira mmanifestat ruhu fil-grad li wasslet lill-konvenut ghall-vjolenza fisika fuqha, matul il-hajja matrimonjali, u mhux qabel, u ghalhekk fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attrici ma kienetx konxja ta' l-estensjoni ta' dan id-difett li sussegwentement irrizula f' anomalija psikologika serja.

Minn naha l-ohra pero' il-fatt, minnha ammess, li l-attrici kienet konxja ta' l-esitenza [izda mhux ta' l-estensjoni], dan id-difett fil-konvenut anke <u>qabel iz-zwieg</u>, jirrendiha parzjalment responsabbli, liema responsabbilita' ser tigi riflessa fil-kap ta' l-ispejjez.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg kuntrattat mill-partijiet fit-12 ta' Gunju 1994 huwa null fil-ligi ghar-ragunijiet fuq indikati, u konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg relattiv. L-ispejjez jigu sopporati in kwantu ghal zewg [2/3] terzi mill-konvenut u r-rimanenti terzi [1/3] jibqa' a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------